L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.

Illum, 10 ta’ Dicembru 2019.

Il-Bord,

Wara li ra t-talba tal-Avukat Dr. Therese Comodini Cachia fis-seduta precedenti, wara li ra li l-iskop tat-talba li jigu esebiti t-TAP3 files imsemmija hu sabiex ighin il-Bord jinvestiga s-serjeta’ u l-gravita’ tar-riskju li l-istess gurnalista setghet kienet qieghdha fih peress illi tali TAP3 files setghu ndikaw possibbilta’ ta’ motivi jew informazzjoni jew agir li terzi involuti kellhom fil-konfront taghha;

Wara li ra l-paragrafu 3 tat-termini ta’ referenza tal-inkjesta pubblika li dan il-Bord ghandu jiddetermina jekk l-Istat wettaqx u jekk huwiex qieghed iwettaq l-obbligu pozittiv li jiehu mizuri operazzjonali ta’ prevenzjoni biex jipprotegi lil dawk l-individwi li l-hajja taghhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b’mod partikolari fil-kaz ta’ gurnalisti;

Billi fit-trattazzjoni l-Avukati ndikaw li l-iskop tat-talba taghha f’dan l-istadju kien li jigu preservati dawn it-TAP3 files, jordna li dawn il-files jigu prezentati f’dawn l-atti sabiex ikunu hekk preservati u jibqghu fil-kustodja tal-Bord.

| | | |
|---|---|---|
| Imhallef Michael Mallia | Prim Imh. Emeritus Joseph Said Pullicino | Imhallef Abigail Lofaro |
| Chairman | Membru | Membru |